**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 31 ta` Ottubru 2016**

**Kawza Nru. 17**
**Rik. Gur. Nru. 244/15 JZM**

**Raymond Cordina (ID 629662M) u martu Margaret Cordina (ID 355167M)**

***kontra***

**Simon Attard (ID 75267M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-16 ta` Marzu 2015 li jaqra hekk:–

*1. ILLI l-intimat Simon Attard talab lill-attur Raymond Cordina jisilfu flus biex ikun jista` jinvestihom f`negozju li huwa kien qed jaghmel jew kien bi hsiebu jaghmel ma` terza persuna injota.*

*2. ILLI l-attur Raymond Cordina gabar il-flejjes li huwa kellu flimkien ma` martu l-attrici Margaret Cordina u fit-22 ta` Ottubru 2013 huwa silef ghoxrin elf Euro lil Simon Attard billi ghaddielu banker's draft ta` €20,000 (ara Dokument A anness), li Simon Attard sarraf mill-ewwel.*

*3. ILLI Simon Attard spjega li dawn il-flejjes riedhom ghal skopijiet ta` kummerc, u ghalhekk kienu ser jithallsu lura b`rata kummercjali ta` imghax ; il-hlas lura kellu jsir b`pagamenti ta` elf Euro (€1,000) kull xahrejn.*

*4. ILLI f`Dicembru 2013 hallasni lura €1,000, u fil-bidu ta` Marzu 2014 hallasni €1,000. Imbaghad beda jgibli hafna skuzi u jitlobni z-zmien biex inhallsu sa ma qalli li ma` min kien qed jinnegozja harab minn Malta u li ma kellux minn fejn ihallasni. Ma thallast xejn iktar.*

*5. ILLI ktibtlu ittra legali nitolbu l-hlas (ara Dokument B anness) lanqas biss irrispondieni.*

*6. ILLI l-attur Raymond Cordina jaf b`dawn il-fatti personalment, u peress li l-intimat baqa` ma hallasx minkejja li d-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut, u l-intimat m`ghandux eccezzjonijiet validi x`taghti kontra t-talbiet attrici, kellha ssir din il-kawza.*

***Talbiet***

*Premess li l-atturi silfu lill-intimat €20,000 fit-22 ta` Ottubru 2013, li minnhom l-intimat hallas lura biss €2,000 ;*

*Premess li l-intimat intalab kemm-il darba ihallas lura l-kumplament tas-somma mislufa u l-interessi relattivi, izda huwa baqa` inadempjenti ;*

*Ghaldaqstant l-atturi jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta` Artikoli 167 et sequentia tal-Kodici ta` Procedura u Organizzazzjoni Civili ;*

*2. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur versu l-atturi fis-somma ta` tmintax-il elf Euro (€18,000) ;*

*3. Tordna lill-intimat ihallas lill-atturi fis-somma hawn fuq dikjarata dovuta lilhom kif premess.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-2 ta` Novembru 2014, kif ukoll l-ittra ufficjali bil-procedura taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta datata 3 ta` Frar 2015 kontra l-istess intimat, u bl-interessi skont il-ligi mit-22 ta` Ottubru 2013 sal-pagament effettiv kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda, u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-23 ta` April 2015 fejn, wara li kienet tal-fehma illi l-konvenut kellu eccezzjonijiet *prima facie* fil-fatt u fid-dritt x`jaghti kontra t-talbiet attrici, tat lill-konvenut zmien sebat ijiem minn dakinhar sabiex jipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fis-27 ta` April 2015 u li taqra hekk :–

*Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-atturi, u dana peress illi :*

*1) L-attur Raymond Cordina ma silef ebda somma lill-intimat Simon Attard.*

*2) L-intimat m`ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti, anke billi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.*

*3) L-intimat ma hux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti.*

*4) Illi tezisti biss relazzjoni bejn ir-rikorrenti u terz dwar is-somma msemmija, li hi kolpita b`causa illecita. Ex turpi causa non oritur actio. Ukoll, jirrizulta li l-atturi nvestew is-somma mertu tal-kawza ma` terz fi skema bir-riskji inerenti taghha, u ghax l-avventura giethom hazin, u t-terz li mieghu investew flushom harab mill-Gzejjer Maltin, issa jridu jaraw fuq min ser iduru.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati fir-risposta guramentata.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu il-kors tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li saru fl-udjenza tas-7 ta` Jannar 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**L-attur** xehed illi kien Ottobru 2013 meta l-konvenut mar ikellmu sabiex isellfu ammont sostanzjali ta` flus biex ikun jista` jinvestihom f`bicca negozju. Il-konvenut qallu li kien qed jittratta mas-sidien ta` More Supermarkets, u li ghalhekk n-negozju kellu jmur tajjeb zgur. Qallu li kien lest ihallsu lura €1,200 kull xahrejn. L-attur fdah lill-konvenut u accetta li jghaddilu €20,000. Ghalhekk fil-21 ta` Ottubru 2013, ghamel bank draft fl-

isem tal-konvenut, u l-ghada ltaqghu biex ighaddilu l-flus. Meta ltaqghu ma saret l-ebda kitba bejniethom. Il-konvenut li kien se jhallsu €1,000 kull xahrejn. Fl-ahhar ta` Dicembru 2013, iben il-konvenut mar ihallsu €1,000, u rega` mar f`Marzu 2014 u tah €1,000 ohra. Wara li ghaddew xahrejn, iben il-konvenut mar ghandu, u qallu li ma` min kien qed jinnegozja missieru kien dahal l-isptar, u ghalhekk ma setax ihallas il-pagament. Wara ftit taz-zmien, huwa cempel lill-konvenut biex jitolbu l-hlas izda dan qallu li ma` min kien qed jinnegozja, ma setax jinstab u talbu jaghti ftit cans. Wara ftit zmien rega` cempel lill-konvenut u dan qallu li skont ma kien qed jinghad anke fil-ahbarijiet, ma` min kien qed jinnegozja, kien harab minn Malta. L-attur insista mal-konvenut li huwa mieghu kellu x`jaqsam mhux mat-terza persuna. Il-konvenut wiegbu li l-flus kellu jgibhom minghand dik it-terza persuna.

L-attur kompla jixhed illi huwa ma kienx jaf lill-konvenut, ghalkemm uliedhom kienu hbieb. Il-konvenut ried il-flus *cash* izda huwa accetta li jaghtihomlu b`cheque. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-konvenut kienx qallu x`kien se jaghmel bil-flus, l-attur wiegeb illi beda jsemmilu hafna affarijiet, imma ma jafx x`beda jghidlu u lanqas fehem. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-konvenut kienx qallu li kien se jaghti l-flus lil tal-More, l-attur ikkonferma li l-konvenut hekk qallu li kien ser jaghmel. Insista pero` illi huwa kien jaf lill-konvenut tant li c-cheque ghamlu f`isem il-konvenut. Kien jaf li tal-More kienu dawk li ghandhom is-supermarkets, imma hu ma jafx jaqra jew jikteb ; jiffirma biss. Ikkonferma li c-cheque issarraf u l-flus hargu mill-kont tieghu. Apparti l-€2000 li rcieva permezz ta` zewg pagamenti ta` €1,000–il wiehed, ma rceviex flus ohra.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, l-attur xehed li l-konvenut ma kien weghdu xejn. Kemm qallu li jekk ghandu xi haga tal-flus, ahjar ihaddimhom milli jhallihom l-bank. Ftiehem mal-konvenut illi mal-kapital, kellu jircievi imghax ta` €200 ma` kull €1000 kapital. Iikkonferma li l-konvenut kien qallu li ha jaghmel investiment. Ma tax flus lill-konvenut biex imur jinvestihomghand tal-More. Kien il-konvenut li semma l-More. X`ghamel il-konvenut bil-flus, l-attur qal illi ma jafx. L-attur cahad illi l-konvenut tah xi kambjala mhux iffirmata minnu meta ghaddielu c-cheque. Il-konvenut fissirlu kif kienet se tahdem is-sistema tal-More fis-sens li jitfa` tant flus u jiehu tant lura ammont. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-konvenut kienx semmhielu l-More qabel talbu l-flus, l-attur stqarr illi l-konvenut kien qallu li huwa kien imdahhal fin-negozju tal-More. Ikkonferma li hu ghadda l-flus lill-konvenut ghax kien se jaghtihom lil tal-More.

**<u>Il-konvenut</u>** ittella` jixhed mill-attur.

Muri mill-Qorti Dok BOV 1 stqarr illi l-firem li kien hemm fuq dak id-dokument mhumiex tieghu.

Xehed illi huwa jaf lill-attur. Cahad li kellem lill-attur biex jisilfu xi flus. Cahad ukoll illi l-attur silfu l-flus. Ma kienx hu li talab flus lill-attur, izda kien l-attur illi tah il-flus biex ighaddihom lil haddiehor. Fil-fatt l-attur tah cheque biex il-konvenut jinvesti l-import tac-cheque ma` kumpannija. Ighid illi l-attur mar ghandu ghaliex kien jaf li ma` min kien qed jinvesti kien habib tieghu.

Mistoqsi mill-Qorti min kien dan l-habib tieghu, il-konvenut wiegeb illi kien Ryan Schembri ta` More Supermarkets. Il-konvenut ghaddielu l-ammont ta` €20,000 permezz ta` cheque biex jghaddih lill-kumpannija. Mistoqsi mill-Qorti x`kien se jiehu l-attur minn dan kollu, il-konvenut wiegeb illi kien se jiehu imghax kull xahrejn, imghax li seta` kien kontra l-ligi.

Qal illi Ryan Schembri kien qallu li kien se jaghti lura imghax ta` 5% kull xahrejn. Kien l-attur li mar ghandu u talbu pjacir biex iqabbdu ma` Ryan Schembri. Ighid illi huwa dahal fin-nofs ghaliex l-attur talbu pjacir. It-tfal taghhom kienu hbieb. Ighid illi ghadda c-cheque tal-attur lill-kumpannija ta` Ryan Schembri ossia Cassar & Schembri Limited. Ippreciza li ghadda c-cheque lil Ryan Schembri u l-hsieb kien li dan ipoggi dawk il-flus fil-kumpannija. Ghamilx hekk inkella le qal li ma jafx. Dak biss kien l-involviment tieghu u xejn aktar.

Stqarr illi kien hemm kambjali ukoll bejn Cassar & Schembri u l-attur. Fil-fatt Ryan Schembri tah kambjala u hu ghaddieha lill-attur. Il-kambjala kellha valur ta` €20,000. Ikkonferma li d-debitur tal-attur kienet Cassar & Schembri.

Xehed illi l-attur thallas zewg pagamenti mhux tal-kapital izda tal-imghax. Fil-fatt kien ircieva l-flus minghand Cassar & Schembri u hu ghaddiehom lill-attur. Mistoqsi ghaliex baqa` jinvolvi ruhu fil-kwistjoni, il-konvenut wiegeb illi huwa kellu konnessjoni ma` Cassar & Schembri fis-sens illi xogholu kien ta` interior decorator ; u kien jaghmel xoghol ghal Cassar & Schembri fis-supermarkets taghhom. Billi l-attur kien joqghod hdejh kien johodlu l-pagamenti tal-imghax minghandhom.

Fil-**kontroezami**, il-konvenut ikkonferma li l-attur kien jaf kif u fejn kien qed jinvesti. Anke iben l-attur stess kien jaf kienet tahdem is-sistema tant li anke hu kien investa flus fiha. Mistoqsi kif mar, jirrispondi li mar hazin hafna. Mistoqsi jekk hu kienx biss l-intermedjarju, ghaliex ic-cheque kien hareg f`ismu, wiegeb illi hu kien qal lill-attur li l-pagament kellu jkun jew *cash* jew f`isem il-kumpannija, izda l-attur ghamel c-cheque f`ismu u ghalhekk huwa ghadda dak ic-cheque direttament lil Cassar & Schembri. Mistoqsi jekk iffirmax dak ic-cheque biex idur fuq Cassar & Schembru, stqarr illi huwa kemm tahom ic-cheque izda ma ffirma xejn. Insista li huwa qatt ma ffirma c-cheque. Cahad li sarraf ic-cheque u qieghed il-flus fil-kont tieghu tal-bank. Mistoqsi kif kienet tahdem l-iskema, wiegeb illi kien jinghata imghax bir-rata ta` 5% kull sittin gurnata. Fl-iskema kien hemm involuti kwantita` kbira ta` nies involuti. Iz-zewg pagamenti lill-attur thallsu *cash*. L-attur ma hareg l-ebda ricevuta.

**Maria Carmela sive Mariella Cachia** mill-Bank of Valletta plc xehdet illi bill payable nru 18063 hareg mill-fergha tal-bank ta` l-Ibragg ghall-ammont ta` €20,000 pagabbli lil konvenut fuq talba tal-attur. Ic-cheque ssarraf u kien depozitat fil-kont ta` Globe International Enterprises Ltd. Ic-cheque (Dok BOV1) ghandu zewg firem ; ghalhekk kien endorsed. Firma minnhom hija ta` Adrian Agius li ddepozita c-cheque. Fic-cheque tidher firma ohra ta` *prior endorser*, izda ma setghetx tiddentifikaha ghaliex ma kienx hemm n-numru tal-karta tal-identita` tal-persuna koncernata. Mistoqsija mill-Qorti jekk suppost l-ewwel firma li tidher kellha tkun tal-konvenut, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv. Qalet illi fil-principju ikun hemm bzonn il-firma izda mhumiex obbligati li jaraw jekk tkun saret il-firma. Ic-cheque kien depozitat fis-26 ta` Ottobru 2013. Ix-xhud esebiet *specimen signature* tal-konvenut (Dok BOV3). Ikkonfermat illi Adrian Agius huwa l-persuna li jhaddem l-kont ta` Globe International Enterprises Limited.

## III. Sottomissjonijiet

### 1. L-atturi

Isostnu li l-attur ghadda l-flus lill-konvenut b`titolu ta` self.

Dwar l-imghax, jikkontendu li l-partijiet ma dahlux fid-dettall ta` kif kienu ser jithallas l-imghax.

Jikkontendu li fil-kaz tal-lum, ma kienx hemm kwistjoni ta` uzura ghaliex iz-zewg pagamenti li lahqu saru kienu qed jinqatghu mill-kapital.

Jinsistu li l-konvenut ma jistax jitqies bhala intermedjarju ghaliex li kieku kien hekk, ma kienx jaccetta li c-cheque isir fuq ismu, izda kien isir fuq fl-isem ta` terzi.

**2. <u>Il-konvenut</u>**

Jekk hija t-tajba l-kontenzjoni tal-attur illi r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet dik ta` *mutuum* allura f`dak il-kaz is-self kien kolpit b`imghax ta` 30% fis-sena u allura bla dubju kien self bl-uzura.

Il-konvenut jikkontesta li kien hemm self jew *mutuum*.

Jirreferi ghax-xiehda in kontroezami tal-attur fejn jinghad illi l-attur ghadda l-flus lill-konvenut sabiex imorru fl-iskema tal-More Supermarkets. Ma kienx ighaddi l-flus lill-konvenut li kieku ma kienux ser imorru f`dik l-iskema.

Ghalkemm mhux kontestat illi c-cheque hareg fl-isem tal-konvenut, dak il-fatt wahdu ma kienx ifisser li kien hemm self, jekk lanqas ma hemm kien hemm ftehim bejn l-partijiet. Infatti l-konvenut ma ffirmax ic-cheque, ghadda c-cheque direttament lil More Supermarkets, u xi hadd minn More Supermarkets dawwar ic-cheque ghal fuqu, sar depozitu fil-kont bankarju ta` kumpannija li maghha l-konvenut ma kellux x`jaqsam xejn.

**IV. <u>Risultanzi</u>**

Huwa risaput illi kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali li jgib `il quddiem l-attur. Jekk it-talba ssir abbazi a bazi ta' kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti li tinvestiga `l hinn minn dik il-kawzali. Kif qalet din il-Qorti (**<u>PA/PS</u>**) fis-sentenza taghha fil-kawza "**<u>Azzopardi vs Azzopardi</u>**" (31 ta` Jannar 2003) citata fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza "**<u>Farrell vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud</u>**" :

*"il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u **xejn izjed**."*

**Mill-mod kif impostaw il-kawzali, kif ukoll mill-mod kif saru t-tieni u t-tielet talbiet, huwa evidenti li l-atturi mexxew bl-azzjoni odjerna fuq il-pretensjoni li bejn il-partijiet kien hemm self jew ahjar *mutuum.***

Fil-Kap 16 *mutuum* huwa regolat bl-Art 1842 sal-Art 1855A.

**L-Art 1842** ighid hekk :-

*Il-mutwu jew self ghall-konsum huwa kuntratt li bih wahda mill-partijiet tikkunsinna lill-ohra xi kwantità ta` hwejjeg li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta` min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk iehor tal-istess xorta u kwalità*

Ghall-mertu ta` din il-kawza, il-Qorti tghid illi huwa rilevanti **wkoll** dak li jghid l-**Art 1233** :-

*(1) Bla hsara tal-kazijiet li fihom, espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom isiru b`att pubbliku jew b`kitba privata, taht piena ta` nullità -*

*(b) il-ftehim li jkun fih weghda ta` trasferiment jew ta` akkwist, taht kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta` beni immobbli jew ta` jedd iehor fuq dawk il-beni ;*

*(b) il-weghdiet ta` self ghall-uzu jew mutuum.*

Dan premess, il-Qorti tirrileva illi l-atturi qeghdin jikkontendu li huwa silfu l-ammont ta` €20,000 lill-konvenut ghall-uzu tieghu.

Il-konvenut jikkontesta li gara hekk.

Isostni l-konvenut illi l-attur tassew tah €20,000 pero` mhux b`self izda sabiex dawn jigu *investiti* fi skema li kienet imnieda mis-socjetajiet Cassar &

Schembri jew More Supermarkets.

Jikkontendi l-konvenut illi l-attur tah dawk l-€20,000 ghal dan l-investiment partikolari.

Isostni l-konvenut illi l-attur kien jaf li dik l-iskema kienet sejra thallas dhul ta` 5% fuq il-kapital kull xaghrejn.

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm ghall-bidu l-attur stqarr li ma kien jafx xejn dwar din l-iskema, in segwitu – kemm waqt l-ezami izda wkoll fil-kontroezami – fisser li kien jaf bl-iskema ta` More u li kien ghadda dawk il-flus ghal dak l-iskop.

Abbazi tad-dokumenti esebiti, jirrizulta *bank draft* datat 21 ta` Ottobru 2013, li bih l-attur ghadda l-ammont ta` €20,000 lill-konvenut (Dok A). Imbaghad minn BOV 2, irrizulta li fis-26 ta` Ottobru 2013, dawk l-istess €20,000 marru fil-kont tal-kumpannija Globe International Ent Ltd.

**Fl-apprezzament dovut tal-provi, din il-Qorti rriskontrat <u>konflitt evidenti fil-provi</u> dwar in-natura tar-relazzjoni guridika bejn il-partijiet waqt illi kienet qeghda taghmel analizi tax-xiehda tal-attur u tal-konvenut.**

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**<u>Xuereb et vs Gauci et</u>**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).”*

(ara wkoll : “**Bugeja vs Meilak**” – **PA/TM** – 30 ta` Ottubru 2003 ; “**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**” – **PA/PS** – 28 ta` Mejju 2003 ; “**Farrugia vs Farrugia**” – **PA/CC** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza “**Ciantar vs Curmi noe**” kien precizat hekk –

*“Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)”*

(ara wkoll : “**Camilleri vs Borg**” – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 ; “**Zammit vs Petrococchino**” – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; “**Vassallo vs Pace**” – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza “**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**” din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta’ prova fil-procediment civili m’huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b’daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b’sahhithom. Il-*

*prova mistennija fil-qasam tal-prodediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f'kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*... Izda dak li jghodd f'kawza m'huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f'kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-*

*regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

Dan premess, din il-Qorti tghid illi fatt wiehed huwa cert u cioe` illi t-trasferiment ta` €20,000 mill-attur lill-konvenut sar *brevi manu* : da parti tal-attur jikkontendi li dak kien self ; da parti tal-konvenut jikkontendi li kien investiment mill-attur fl-attivita` kummercjali ta` terzi, bil-konvenut iservi biss ta` intermedjarju.

L-uniku prova tac-caqlieq tal-flus hija kostitwita mic-cheque li hareg l-attur fl-isem tal-konvenut. Dwar ic-caqlieq tal-€20,000 hemm qbil.

Ghal din l-Qorti huwa **centrali** l-fatt li l-attur jaqbad €20,000 u jislifhom lill-konvenut – kif jallega li sar l-attur – minghajr ebda kondizzjonijiet, u minghajr ma ssir kitba.

Il-konvenut jichad li ssellef flus minghand l-attur.

Tajjeb jinghad illi fil-kontroezami l-attur **xehed** hekk :-

*Qorti : Meta lilek semmielek il-More, dak kien wara li talbek il-flus jew qabel ?*

*Xhud : Le qabel.*

*Qorti : Jigifieri kif semmijulek il-More qabel ma talbek l-20,000 ?*

*Xhud : Qalli ghax jien mdahhal ma` dan l-business tal-More u mhux More, qalli jekk ghandek xi somma, ghedtlu kemm hi s-somma, qalli ma tridx taghmel inqas minn 20,000.*

*Qorti : Imma ghalxiex riedhom dawn ?*

*Xhud : Mhux biex ikomplihom, nahseb jien, ma` tal-More ? Nahseb jien,*

*imma jien bhalma qed nghidilkom, ma gablix karti x`niffirma biex jiena nkun naf jekk inix imdahhal mal-More, issa x`ghamel bil-flus hu bhal ma qal l-avukat tieghi, seta mar xtara karozza bihom, jiena ma nafx x`ghamel bihom il-flus, ma nafx.*

*Qorti : Inti ghaddejthomlu ghax kien ser jaghtihom lil tal-More?*

*Xhud: Beda jmur go mohhi jien.*

*Qorti : Jigifieri ghax kien ser jaghtihom lill-More inti tajthomlu l-flus?*

*Xhud : Hekk kienet suppost, suppost hekk kienet, imma lili qatt ma gabli karti x`niffirma, qatt, ghax jien bsart li jgibli xi karta u niffirma.*

Dan kollu premess, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Dicembru 1999 fil-kawza "**Vella vs Vella noe**".

Hemm inghad illi l-portata tal-vinkolu kontrattwali jigi determinat meta tkun kontratta l-obbligazzjoni.

Din il-Qorti tghid illi f`dak il-mument, min jikkontratta ghandu l-obbligu li jiddikjara b`mod car u univoku illi dik il-kontrattazzjoni ma tkux qed issir f`ismu izda fl-isem ta` persuna ohra - fizika jew morali - li trid tkun ben identifikata.

Min jikkontratta ghandu l-obbligu li jassigura li dan l-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tal-parti l-ohra, ghaliex altrimenti jkun qed jassumi personalment r-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u l-obbligi naxxenti minn dak in-negozju.

Il-Qorti tghid illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta` Ottubru 1999 fil-kawza "**Formosa et noe vs Felice**" taghti direzzjoni **preciza**.

Hemm inghad illi kien jispetta lill-gudikant li jizen c-cirkostanzi ta` kull kaz biex jasal ghal konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta` haddiehor.

Certi kazijiet huma ovvji ; ohrajn mhux daqshekk.

**Il-Qorti m`ghandhiex dubju li n-negozju li sar bejn l-partijiet kien intiz unikament sabiex l-attur ighaddi flus lill-konvenut sabiex dawn jigu nvestiti fl-iskema ta` "investimenti" tal-More Supermarkets.**

**Il-Qorti tqis bhala inverosimili dak li nghad mill-attur illi hu ghadda €20,000 lill-konvenut mhux ghax kien jafu izda ghaliex kienu jafu lil xulxin uliedhom.**

**Ghal din il-Qorti huwa evidenti ghall-ahhar li l-attur ma silef xejn lill-konvenut. L-attur ha riskju bi flusu u ta` martu. Fin-nofs kien hemm "imghax" tajjeb, bla dubju ferm aktar milli jaghtu l-banek. Ghaliex falla dak l-investiment – li certament ma kienx self - m`ghandux iwiegeb il-konvenut.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza, billi filwaqt li qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qeghda tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**